**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum it-30 ta' Novembru, 2023**

**Rikors numru: BCT/42/2023 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)

Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.

Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

Joseph Vella

Vs

Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-Avukat Angele Formosa għall-appellant nhar is-26 ta' Ottubru, 2023 b'referenza għall-penali amministrattiva mibgħuta permezz ta' ittra datata d-9 ta' Awwissu, 2023 fejn huwa ppremetta u talab is-segwenti:

*Illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu huwa rcieva multa fl- ammont t'a hames mitt Euro (€500) permezz ta' posta rregistrata minghand l-awtorità appellate liema multa giet imposta fuqu ghaliex skont l-awtorita appellate huwa kien qieghed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fil-jum tal-Hadd, u dan kif jidher mill-avviz hawn anness u mmarkat Dok JV0.*

*Illi l-appellant ihossu aggravat b'din il-multa u qed jinterponi umli appell minn din id-decizjoni għas-segwenti ragunijiet:*
*Fl-ewwel lok l-appellant kien qieghed fil-maisonette numru hamsa (5), Fairview, Triq Liberat Grech, ix-Xaghra Ghawdex, propjeta tieghu u dan kif jifħder mil-kuntratt ta' akkwist hawn anness u mmarkat Dok JV1;*

*Illi nhar is-sitta ta' Awwissu (06.08.2023) huwa ammess li l-appellant kien qieghed fil-propjeta in kwistjoni pero huwa jisstometti li huwa kien qiegħed jinnavika gewwa daru stess u bl-ebda mod ma jista jitqies li kien qed jaghmel xoghol li jista jitqies li huwa xoghol ta' kostruzzjoni li huwa illegali ai termini tal-ligi.*

*Illi r-rapprezentant tal-Awtorità in fatti kellem lill-appellant u seta facilment jikkostata b'ghajnejh dak li kien qed jaghmel l-appellant u meta gie mitlub sabiex jiddezisti milli jopera il-cordless grinder tieghu, l-appellant waqaf mall-ewwel.*

*L-appellant jissottometti bl-akbar rispett li kienu girien ohra li kienu qeghdin jiggeneraw l-istorbju li kien kagun tar-rapport li sar tant li l- appellant kien għadu kif qed jasal fuq il-post.*

*L-appellant ma hux kuntrattur u ma kienx qed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni izda ta' manutenzjoni fid-dar tieghu liema xoghol kien ta' inkonvenjenza minima u temporanja ghall-ahhar u għalhekk certament anke minn dan lant l-attivita tieghu ma tistax titqies li kienet qed tikkawza dwejjaq lil girien.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost r-rapprezentant tal-Awtorita spjega lill-appellanti li huwa qed jingħata twissija u sabiex ma jergax ghaliex darb'ohra jista jehel il-multa. Ghlahekk in vista ta' dak li qal l- inspector kienet sorpriza ghall-appellant li fil-fatt imbaghad ircieva il- multa.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, l-appellant jitlob bir- rispett lil dan it-tribunal joghgbu jirrevoka il-multa imposta fuqu.*

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi preliminarjament skont l-artikolu 6 tal-Kap. 189, kif magħdud mal-Kap. 490, l-appell intavolat kellu jkun kollu bil-lingwa Maltija stante li ma hemm l-ebda ordni jew raġuni legali sabiex l-lingwa tkun dik Ingliża kwindi tali appell għandu jiġi dikjarat bħala null;*

3. *Illi preliminarjament l-esponenti Awtorità qegħda tissolleva l-fatt li tali appell ma jikkonformax mad-detti tal-artikolu 44 tal-Kap. 623 stante li l-appell ma kienx akkumpanjat ma kopja tad-deċiżjoni tal-Awtorità, kwindi tali appell għandu jiġi dikjarat bħala null;*

4. *Illi skont anness vidjo immarkat bħala Dok A jidher ċar li xogħol li kien qiegħed jsir jikser id-dispożizzjoni tal-liġi;*

5. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal, inkluż dak tat-2 ta' Novembru 2023 fejn l-Awtorità irtirat it-tieni eċċezzjoni mir-risposta tagħha.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023, l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell jitratta dwar penali amministrattiva imposta mill-Awtorità intimata nhar id-9 ta' Awwissu 2023, li permezz tagħha qiegħda timponi penali peress li ġie allegat li saru '*Xogħlijiet mhux awtorizzati barra mill-ħin permissibli mil-liġi/ Xogħlijiet fil-Ħdud jew festi Pubbliċi* fl-ammont totali ta' Ħames Mitt Ewro (€500).

Fil-mertu ta' l-appell, it-Tribunal jinnota li x-xogħol in kwistjoni huwa xogħol ta' tqattiegħ ta' madum permezz ta' *coordless grinder* fil-jum tal-Ħadd, 6 ta' Awissu fir-residenza privata tiegħu.

Kif intqal b'ġurament waqt ix-xhieda ta' l-appellant nhar it-2 ta' Novembru 2023, dan ix-xogħol dam għal madwar "nofsiegħa, tlett kwarti". L-appellant jkompli jixhed illi kien qed jaqta maduma fil-bitħa sakemm ġie mwaqqaf minn spettur tal-Awtorità. Wara waqaf jagħmel dan ix-xogħol u kompla jagħmel xogħol ta' tindif mingħajr użu ta' għodda jew makkinarju li jiġġenera l-istorbju.

Fl-appell, l-appellant jindika wkoll li kien hemm xogħlijiet oħra għaddejin minn ġirien fl-istess blokka u li kienu bdew minn qabel ma wasal hu fuq il-post.

L-Awtorità intimata ħarket lix-xhud li kien preżenti in sostenn tad-difiża tagħha u ċioe' s-Sur Christopher Mercieca; li ikkonferma n-natura tax-xogħol li kien qed isir bl-użu ta' *grinder*, waqt ix-xhieda b'ġurament, nhar it-2 ta' Novembru 2023.

It-Tribunal ikkunsidra li allovolja dan ix-xogħol kien minimu, dan xorta waħda jaqa' taħt t-tifsira ta' xogħlijiet ta' kostruzzjonikif mfissra fl-Avviż Legali 136 tal-2019 li tgħid:

*"xogħol ta' kostruzzjoni" tfisser li tinkludi dawk ixxogħlijiet*
*kollha ta' kostruzzjoni magħmula fuq l-istruttura tal-fabrika*
*tal-bini jew ta' inġinerija ċivili, inkluż*
*alterazzjonijiet fuq bini eżistenti, demolizzjoni jew*
*attivitajiet ta' skavar li jsiru fuq sit ta' żvilupp, toroq, wesgħat u*
*għandha tinkludi ukoll tħaffir ta' mini;*

Wara li t-Tribunal ħa nota ta' dan kollu, t-Tribunal jista' jikkonkludi li x-xogħolijiet li kienu qegħdin jsiru nhar il-Ħadd, is-6 ta' Awwissu 2023 bl-użu ta' għodda elettrika jaqa' fil-parametri ta' din id-definizzjoni u allura ser jgħaddi sabiex jiċħad l-Appell u jikkonferma l-penali amministrattiva imposta mill-Awtorità.

**Decide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet hawn fuq imsemmija, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell tal-appellant Joseph Vella u jikkonferma l-penali amminsitrattiva imposta tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, datata 9 ta' Awwissu 2023, li permezz tagħha imponiet penali amministrattiva ta' Ħames Mitt Ewro (€500.00).

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |